# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Awissu, 2001.**

**Numru 3**

**Rikors numru 167/86 GCD**

**Joseph Mary Vella, George Vella u Francis Vella.**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija ; Carmelo Bonello, Sovrintendent tal-Pulizija ; Noel Schembri u David Stubbings, Spetturi tal-Pulizija ; u b'digriet tal-10 ta' Settembru 1986 gew kjamati in kawza l-Ispettur Joseph Picco u PS 288 Mario Cassar.**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, li biha dik il-Qorti sabet lill-intimati hatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti imharsa bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u pprovdiet rimedju adegwat finanzjarju skond kif minnhom mitlub ai termini tal-artikolu 46.

"F'din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu rimedji ghax qeghdin jghidu li l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali taghhom imharsa bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

## Ir-Rikors

Ir-rikors jghid illi fit-28 ta' Novembru 1983 ir-rikorrenti kienu arrestati u ttiehdu d-*Depot* tal-Pulizija, l-Furjana. Fid-29 u t-30 ta' Novembru 1983, meta kienu d-*Depot* tal-Pulizija, ir-rikorrent kienu ttorturati bl-aktar mod krudili mill-intimati Supritendent Bonello, Spettur Noel Schembri, u Spettur David Stubbings, u minn zewg persuni ohra li isimhom ma hux maghruf. Kienu msawtin bla hniena u bla waqfien ghal siegha shah, bis-sieq, bl-idejn, b'siggijiet u njamiet, u b'nerv, b'mod li gisimhom kien kollu tbengil u grif. Bid-daqqiet li taw lir-rikorrent Francis Vella, l-intimati msemmija qalghulu spalltu minn postha u kisrulu zewg kustilji. Il-Pulizija stess kellhom jiehduh l-Isptar, wara li hallewh sieghat twal f'hafna wgiegh.

Barra milli ntuzat fuqhom vjolenza fizika, r-rikorrenti kienu wkoll mhedda, u b'dan it-theddid l-intimati fittxew li jiehdu xi informazzjoni minghandhom u li jgeghlihom jiffirmaw stqarrijiet ta' htija.

Wara li r-rikorrenti hargu mid-*Depot*, kien rahom it-Tabib Dr. Anthony Galea Debono, li hareg tliet certifikati mehmuza mar-rikors.

Ir-rikorrenti ghamlu rapport ta' dan kollu, imsahhah bic-certifikati medici, lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija : talbuh jistharreg il-kaz u jiehu l-passi mehtiega, izda, sa dakinhar li pprezentaw ir-rikors, baqghu bla soddisfazzjon.

B'dak li gara, jghidu r-rikorrenti, inkiser id-dritt fundamentali taghhom li ma jigux assoggettati ghal piena jew trattament inuman jew degradanti. Dan id-dritt huwa mhares mill-artikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha "taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa" sabiex jitwettaq dak li jrid l-art. 37 tal-Kostituzzjoni. Fost dawn ir-rimedji, talbu li l-Qorti tghid li l-intimati huma hatja ta' trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-art. 37 tal-Kostituzzjoni. Talbu wkoll l-ispejjez.

## Ir-Risposta ta' l-Intimati

[1] Illum artikolu 36, wara li kienet rinumerata l-Kostituzzjoni.

L-intimati wiegbu hekk[2] :-

Kontra l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma saret, fir-rikors, ebda allegazzjoni ta' fatt li jista' jwassal ghall-konkluzzjoni li dan l-intimat kiser l-artikolu tal-Kostituzzjoni msemmi mir-rikorrenti.

L-intimati l-ohra jiehdu li huma sawtu lir-rikorrenti, haqruhom jew uzaw vjolenza fuqhom.

Barra minn hekk, komplew jghidu l-intimati, l-fatt li din il-kawza nbdiet kwazi tliet snin wara li suppost graw il-fatti allegati mir-rikorrenti huwa xiehda li dawn l-allegazzjonijiet huma bla bazi. Meta jsiru allegazzjonijiet daqshekk serji tistenna li dak li jkun imexxi minnufih. Meta r-rikorrenti kienu ghamlu dawn l-allegazzjonijiet meta suppost graw il-fatti, l-awtorita' pubblika mill-ewwel ghamlet inkjesta u r-rapport ta' dik l-inkjesta tqieghed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati.

**<u>Sejha fil-Kawza</u>**

B'digriet moghti fis-16 ta' Settembru 1986, wara li r-rikorrenti kienu gharfu liz-zewg persuni ohra msemmija fir-rikors, il-Qorti kienet ordnat li jissehju fil-kawza l-Ispettur Joseph Picco u s-Surgent 288 Mario Cassar[3]. Dawn, wara li kienu notifikat bir-rikors, wiegbu illi "jaderixxu mal-kontenut tar-risposta gja' moghtija mill-intimati l-ohra u jichdu kategorikament l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghhom".[4]

**<u>Ir-Rimedji mitluba mir-Rikorrenti</u>**

B'rikors tas-6 ta' Frar 1987, ir-rikorrenti talbu li jesebixxu nota li tfisser x'inhuma "r-rimedji kostituzzjonali mitluba minnhom".[5] Dan ir-rikors kien milqugh fid-9 ta' Frar 1987. In-nota prezentata mar-rikorrenti tghid li, b'zieda mar-rimedji mitluba fir-rikors li bih kienet infethet il-kawza, jitolbu wkoll :-

1. Li l-Qorti tghid li l-istqarrijiet li huma kienu ghamlu wara li kienu interrogati fid-29 u t-30 ta' Novembru 1983 kienu nghataw b'rizultat ta' tortura u trattament inuman u degradanti, u ghalhekk bi ksur ta' l-artikolu 37[6] tal-Kostituzzjoni ta' Malta ;

---

[2] Foll. 46 et seq u fol. 15.
[3] Fol. 82.
[4] Fol. 73.
[5] Fol. 164.
[6] Illum art. 36.

2. Li r-rikorrenti jitqieghdu fl-*istatus quo ante* l-arrest u l-interrogazzjonijiet fuq imsemmija ; u

3. Li l-Qorti tghid li dawn l-istqarrijiet ma humiex ta' min joqghod fuqhom, u li ma jiswewx.

**<u>Kif imxiet il-Kawza</u>**

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1988 ir-rikorrenti qalu li ma kellhomx aktar xhieda xi jressqu, u ghalhekk dakinhar il-Qorti ddifferiet il-kawza ghad-19 ta' Jannar 1989 fl-10:15am "ghall-provi kollha ta' l-intimati"[7]. Fid-19 ta' Jannar 1989, izda flok tressqu x-xhieda ta' l-intimati l-avukat taghhom qal illi "bi hsiebu jipproduci l-provi tieghu permezz ta' affidavit"[8]. Il-kawza, ghalhekk, thalliet ghat-28 ta' Frar 1989 "ghal dan l-iskop".

Sat-28 ta' Frar 1989 ix-xhieda ta' l-intimati ma tressqitx b'affidavit, u l-verbal tas-seduta ta' dakinhar jghid li l-Qorti "fuq talba ta' l-intimati mhux opposta tiddiferixxi l-kawza ghat-13 ta' April 1989 f'nofsinhar ghall-kontro-ezami tal-konvenuti li jobbligaw ruhhom li sal-ahhar ta' Marzu jipproducu l-provi kollha taghhom permezz ta' affidavit[9].

Sat-13 ta' April 1989 ix-xiehda b'affidavit baqghet ma saritx. Dakinhar, li kien il-jum tal-Hamis, l-avukat ta' l-intimati talab "zmien sa nhar it-Tnejn li gej biex jipprezenta l-provi tieghu b'affidavits illi fil-fatt huma diga' ddraftjati"[10]. L-avukat tar-rikorrenti, izda, oppona ghal differiment u l-Qorti cahdet it-talba ta' l-intimati.

L-intimati appellaw kontra din ic-cahda izda, billi r-rikors ghamluh quddiem il-Qorti ta' l-Appell flok quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, l-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza moghtija fit-22 ta' Frar 1990[11] laqghet l-eccezzjoni ta' nullita' ta' l-appell u ghalhekk iddikjarat l-appell "irritu u null". Il-kawza ntbaghtet lura quddiem din il-Qorti sabiex tkompli tismaghha.

**<u>Talba ghal Danni mhux Materjali</u>**

Fl-1 ta' Marzu 1991[12] ir-rikorrenti talbu wkoll illi "barra r-rimedji gja' specifikati fl-atti tal-process jigu likwidati *non pecuniary damages arbitrio boni viri* halli jaghmlu tajjeb ghall-vjolazzjoni

7 Fol. 247.
8 Fol. 270.
9 Fol. 271.
10 Fol. 272.
11 Foll. 301 et seqq.
12 Fol. 335.

ghad-drittijiet tar-rikorrenti". Fil-5 ta' April 1991[13] l-intimat Carmelo Bonello ipprezenta nota b'sottomissjonijiet dwar din it-talba.

**<u>Sentenza u Appell</u>**

Fit-18 ta' Ottubru 1991 il-Qorti tat sentenza fuq it-talbiet tar-rikorrenti.

Fid-29 ta' Ottubru 1991 l-intimati appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji kienu tlieta :- (1) li s-sentenza kienet nulla minhabba zball fl-occhio ; (2) li l-intimati ma thallewx iressqu x-xhieda taghhom ; u (3) li l-Qorti ma ghandhiex is-setgha taghti danni mhux materjali. Il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fil-21 ta' Jannar 1993. Din is-sentenza cahdet l-appell sa fejn mibni fuq l-ewwel aggravju, laqghetu dwar it-tieni aggravju, u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tqis it-tielet aggravju. Is-sentenza tghid hekk :-

> ……….. il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata, tibghat l-atti tal-kawza lura quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla sabiex din, jekk fi hmistax-il gurnata millum l-appellanti jkunu pprezentaw ix-xhieda taghhom, jew ta' min minnhom, permezz ta' affidavit guramentat quddiem wiehed mill-assistenti gudizzjarji, ……….. jekk ikun mitlub, tiffissa gurnata jew granet ghall-kontro-ezami viva voce ta' kull appellant li jkun ipprezenta affidavit, u, wara dan, thalli l-kawza ghas-sentenza minghajr ma tisma' provi ohra da parti ta' l-intimati hlief jekk u meta r-rikorrenti jipproducu provi ohra biex jikkontrabattu l-provi ta' l-appellanti hekk prodotti.
>
> Iz-zmien ta' hmistax-il gurnata huwa perentorju u **<u>f'ebda kaz</u>** ma' jista' jigi estiz ghaliex, kif qalu l-istess appellanti, ix-xhieda b'affidavit ilha lesta u m'hemm ebda raguni ghaliex dak iz-zmien m'ghandux issa jkun finali, hlief ghal dawk il-fatturi katastrofici li fuqhom il-bnedmin m'ghandhomx kontroll.

L-intimati ma pprezentaw ebda affidavit fiz-zmien ta' hmistax-il jum moghti lilhom mill-Qorti Kostituzzjonali. Minflok, billi dehrilhom illi "d-dritt fundamentali ta' "smiegh xieraq" ser jigi lez bis-sentenza msemmija tal-21 ta' Jannar 1993" fethu kawza kostituzzjonali ohra biex jitolbu "rimedju xieraq".

B'sentenza moghtija fis-6 ta' April 1995, izda, l-Qorti Kostituzzjonali qatghetha li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet

[13] Fol. mhux numerat.

fundamentali ta' l-intimati bis-sentenza moghtija fil-21 ta' Jannar 1993.

Madankollu, l-intimati baqghu ma ressqu qatt ix-xhieda taghhom, la b'affidavit u lanqas viva voce jew b'xi mod iehor, u lanqas ma wrew li kien sehh xi "fattur katastrofiku" li kien, skond is-sentenza tal-21 ta' Jannar 1993, jippermettilhom li jressqu x-xhieda aktar tard. Ghalhekk, b'ghazla ta' l-intimati stess, quddiem din il-Qorti hemm biss ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti.

**Il-Fatti tal-Kaz**

Ir-rikorrenti xehdu huma stess u ressqu wkoll biex jixhdu lil dawk li raw l-istat fiziku u mentali taghhom wara li kienu nterrogati fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Din ix-xhieda hija konsistenti u ma giet b'ebda mod kontradetta b'xiehda ohra. Anzi, kif rajna, l-intimati ghalkemm inghataw aktar minn opportunita' wahda biex jaghtu l-verzjoni taghhom, baqghu ma xehdux. Il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghala ma ghandhiex toqghod fuq dak li qalu r-rikorrenti.

**Il-Kaz tar-Rikorrent Francis Vella**

Francis Vella kien mehud id-Depot tal-Pulizija ghall-habta tal-11:30pm jew 12:00pm tal-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Novembru 1983. L-ghada filghodu haduh fl-imhazen ta' Express Trailers, f'Hal Qormi u, wara, regghu haduh id-Depot fejn zammewh f'cella.

Fis-6:00pm tad-29 ta' Novembru 1983 – kien il-jum tat-Tlieta – is-Surgent Joseph Schembri hadu mic-cella sal-kamra fejn kellu jigi nterrogat. F'dik il-kamra kien hemm l-intimati Bonello, Stubbings, Schembri u Cassar. Waqt li kienu qeghdin isiru l-mistoqsijiet lil dan ir-rikorrent, saret mistoqsija dwar xi ritratti li kienu ttiehdu Hal Far. Ir-rikorrent talab li qabel xejn jara dawn ir-ritratti u dak il-hin l-intimat Bonello tah daqtejn go wiccu bil-harta u daqqa ta' ponn go l-istonku. Bid-daqqa r-rikorrent waqa' ma l-art. Hekk kif rega' qam u qaghda fuq is-siggu, xi whud minn dawk li kienu fil-kamra bdew isawtuh. L-intimat Noel Schembri beda jgebbdu minn xahru. L-intimat Mario Cassar beda jaghtih bis-sieq. Schembru beda jsawwtu wkoll b'bicca njama. Sa dan il-hin l-intimat Stubbings ma missx lir-rikorrent izda beda jidghi u jitkellem hazin.

Imbaghad l-intimat Bonello qabad lir-rikorrent minn ghonqu, minn wara, u beda jaghfas. Hekk kif Bonello rega' telaq lir-rikorrent, qam l-intimat Stubbings u beda jaghtih bil-ponn u jhabbtu mal-hajt.

Tkomplew il-mistoqsijiet. Waqt li kienu qeghdin isiru l-mistoqsijiet Bonello rifes fuq riglejn ir-rikorrent u beda jaghfas fuqhom. Wara, kull min kien fil-kamra beda jsawwat lir-rikorrent, xehtuh ma l-art u bdew jaghtuh bis-sieq. Biex forsi jahrab id-daqqiet ir-rikorrent fittex li jidhol taht il-mejda izda dawk li kienu qeghdin isawtuh gibduh 'il barra u komplew jaghtuh. Hekk kif ir-rikorrent kien ma l-art, l-intimat Stubbings qabdu minn idu, beda jgebbdu minnha u lwielu drieghu lura. Dak il-hin ir-rikorrent hass weggha kbira fi spalltu. Wara, Stubbings qabdu minn saqajh, Bonello qabdu minn ghonqu u bdew ibandluh. Meta spiccaw ibandluh, telquh u stabat ma l-art. Bl-ugieghu ma felahx iqum. Ghalhekk qeghduh fuq is-siggu u l-intimat Stubbings qabdu minn sidru u qallu "Issa ser tmur lura fic-cellapero' hawn trid terga' tigi u tghidilna."

Dan l-episodju dam sejjer xi tliet kwarti. Wara, ir-rikorrent intbaghat lura fic-cella. Kien mugugh hafna.

Tard l-ghada, meta kien dalam, lir-rikorrent regghu haduh fil-kamra fejn kien imsawwat il-jum ta' qabel. Fil-kamra kien hemm l-intimati Bonello, Schembri u Stubbings. Kif raw lir-rikorrent, izda, baghtuh lura fic-cella ghax dak il-hin mhux lilu riedu jinterrogaw. Qabel ma baghtu lura fic-cella l-intimat Bonello nnota li r-rikorrent kellu drieghu mdendel. Staqsih x'kellu u, meta r-rikorrent wiegeb li kien mugugh, qallu li ser jibghatlu tabib. Ir-rikorrent ittiehed lura fic-cella u, xi saghtejn wara, gie jarah xi hadd li r-rikorrent ma jafx min hu izda jahseb li hu tabib ghax kien ezaminah.

Aktar tard ir-rikorrent rega' ttiehet mic-cella sal-kamra ta' l-interrogazzjonijiet, fejn kien hemm l-intimati Bonello, Stubbings, Schembri u Cassar. Bonello qallu li kien ser jibghatlu l-Isptar, izda qabel kellu jiffirma stqarrija. Din l-istqarrija tlestiet u r-rikorrent iffirmaha. Ir-raguni ghala ffirma fissirha hekk fi kliemu stess :-

> ………. jiena hassejt dak il-hin bl-ugiegh li kelli fuqi li ma kellix alternattiva hlief li niffirma u ghalhekk iffirmajt kwazi b'ghajnejja maghluqa.

Wara li ffirma qeghduh f'karozza biex johduh l-Isptar. Hekk kif il-karozza telqet mid-Depot, izda, wasal messagg bir-radio biex imorru lura. Il-karozza daret lura u r-rikorrent thalla jistenna fiha ghal xi nofs siegha, ghalkemm kien mugugh hafna. Wara, lir-rikorrent haduh l-Isptar fejn it-tobba dewwewh, u wassluh sad-dar.

Id-dar ezaminah it-Tabib Dottor Galea Debono li hareg certifikat fejn fisser il-griehi li kellu[14]. Fost feriti ohra, kellu "undisplaced fracture of the greater tuberosity" ta' spalltu tax-xellug, u ksur ta' zewg kustilji.

**Il-Kaz tar-Rikorrent George Vella**

Lir-rikorrent George Vella haduh id-Depot tal-Pulizija ftit wara s-7:30pm tat-28 ta' Novembru 1983 u qeghduh f'cella. Din ic-cella kienet kamra zghira, kien fiha barmil mimli b'materjal jintenn, u sodda b'mitrah u saqqu mahmugin u mcappsa bid-demm. Xi saghtejn jew tliet sieghat wara haduh f'cella ohra fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta fejn inzamm matul il-lejl u l-jum tal-ghada 29 ta' Novembru. Fid-29 ta' Novembru 1983 meta dalam regghu haduh id-Depot il-Furjana u qeghduh f'cella. Xi nofs siegha jew tliet kwarti wara haduh f'kamra ohra fid-Depot stess. Hemmhekk kien hemm l-intimati Bonello, Schembri, Cassar u Picco.

Bdew jistaqsu lir-rikorrent dwar xi kaxex izda r-rikorrent qal li ma kien jaf xejn dwar dawn il-kaxex. Dak il-hin l-intimat Schembri ha riga minn fuq l-iskrivanija u bix-xifer ta' din ir-riga beda jaghti fuq l-ispalla tal-lemin tar-rikorrent. Ghall-ewwel beda jaghtih bil-mod, izda wara xi zmien ir-rikorrent qal lil Schembri li kien qed iwegghu u dak il-hin Schembri beda jaghtih aktar bil-qawwi. Imbaghad Bonello neza l-gakketta u l-ingravata, xammar il-komma tal-qmis u beda jsawwat lir-rikorrent. Schembri tah daqqa ta' ponn fuq ghajnu, u bil-qawwa tad-daqqa r-rikorrent waqa' minn fuq is-siggu ghal ma l-art. Kif kien ma l-art l-erbgha l-ohra li kienu fil-kamra bdew jaghtuh bis-sieq. L-ewwel bdew Schembi u Bonello, u wara bdew it-tnejn l-ohra wkoll. Ma setax jilqa' d-daqqiet ghax bdew isawtuh l-erbgha f'salt.

Wara dan is-swat, lir-rikorrent immannettjawh u qeghduh fuq siggu u bdew jaghmlulu xi mistoqsijiet. Ghal kull mistoqsija li r-rikorrent ma wegibhiex, l-intimat Cassar beda jaghtih bil-ponn u t-tlieta l-ohra bdew jaghtuh bis-sieq. Wahda mid-daqqiet qalbitu min fuq is-siggu ghal ma l-art. Billi r-rikorrent kellu jdejh immanettjati ma setax iqum u ghalhekk refghuh dawk li kienu qeghdin isawtuh.

Barra milli jsawtu lir-rikorrent, dawk l-erbgha li kienu fil-kamra mieghu bdew jidghu u jhedduh. Heddewh li mhux ser ikun jista' jahdem, li mhux ser ikun jista' jerga jara lil uliedu, u li kienu sejrin jisfregjawlu wiccu. Ir-rikorrent fisser il-mod kif gabu ruhhom dawk li kienu qeghdin isawtuh bhala "feroci".

[14] Foll. 6 et seq.

F'hin minnhom cempel telephone li kien hemm fil-kamra u Bonello qal lill-ohrajn biex lir-rikorrent johorguh 'il barra. Hallewh jistenna barra l-kamra ghal xi ghaxar minuti, b'kuntistabbli ghassa mieghu. Wara dawn l-ghaxar minuti, Bonello ordna li lir-rikorrent jergghu johduh fic-cella.

Il-mistoqsijiet u swat damu sejrin xi tliet kwarti.

Ir-rikorrent ghamel il-lejl fic-cella. L-ghada filghodu regghu haduh fil-kamra fejn kienu sawtuh. F'din il-kamra kien hemm l-istess erbgha : Bonello, Schembri, Cassar u Picco. Tawh xi daqtejn hlief izda mhux is-"swat feroci" bhall-ewwel darba. Regghu baghtuh fic-cella fejn dam sa ma dalam. Wara, regghu baghtu ghalih biex jiffirma stqarrija. Ir-rikorrent iffirma din l-istqarrija izda xehed hekk :-

> Jiena ghandi nghid illi ghalkemm iffirmajtu dak l-istatement sincerament ma nafx x'fih. ………. Jiena ffirmajtu biex nitlaq lejn id-dar biex nara lill-mara u lit-tfal.

Imbaghad haduh lejn ic-cella u, wara li xi tliet kwarti ohra, wassluh sad-dar ta' ommu. Hemmhekk rah Dottor Galea Debono li hareg certifikat mediku[15].

**Il-Kaz tar-Rikorrent Joseph Mary Vella**

Lir-rikorrent Joseph Mary Vella wkoll haduh id-Depot tal-Pulizija filghaxija jew fil-lejl tat-28 ta' Novembru 1983. Qeghduh f'cella fejn ghadda l-lejl u meta sebah l-ghada haduh f'kamra fejn kien hemm l-intimat Bonello u xi ohrajn. Wara li ghamlulu xi mistoqsijiet haduh f'karozza sa Hal Qormi. Wara regghu haduh id-Depot u qeghduh f'cella, fejn dam sa filghaxija. Meta dalam haduh f'kamra ohra fejn kien hemm l-intimati Bonello, Schembri, Stubbings u Cassar. Ghamlulu xi mistoqsijiet li ghalihom ma wegibx u dak il-hin beda s-swat. L-ewwel tah daqqa fuq rasu l-intimat Schembri u mbaghad taw l-ohrajn ukoll. Id-daqqiet li qala r-rikorrent beda jhosshom "bhal daqqiet ta' truck" u beda jara c-cpar quddiem ghajnejh. Ir-rikorrent spicca ma' l-art u meta kien ma l-art bdew jaghtuh bis-sieq ukoll u jsabbtuh mal-hitan.

F'xi hin cempel it-telephone u lir-rikorrent harguh 'il barra. Wara baghtuh lura fic-cella.

Dan l-episodju ta' swat dam sejjer bejn wiehed u iehor tlett kwarti.

---

15 Fol. 5.

Matul il-lejl regghu haduh fil-kamra fejn kienu sawtuh. Kien hemm l-istess erbgha : Bonello, Schembri, Stubbings u Cassar – u kien hemm Picco wkoll. Ghamlulu xi mistoqsijiet u f'hin minnhom 'regghu infexxew" fi swat fuq ir-rikorrent : bdew jaghtuh "swat kemm jifilhu". Bid-daqqiet waqa' ma l-art. Kif kien ma' l-art l-intimat Bonello qabadlu sieq wahda u Cassar qabdu mill-ohra u bdew jilwulu saqajh kontra xulxin. Sadanittant bdew jaghtuh swat "bhal halba xita qawwija". Barra milli jsawtuh bdew ukoll jhedduh.

Meta spiccaw mis-swat baghtuh biex jittiehdulu l-impronti tas-swaba u regghu haduh fic-cella.

Dak il-lejl stess jew meta sebah regghu baghtu ghalih biex ikomplu l-mistoqsijiet u minnufih rega' beda s-swat. Meta waqa' ma l-art bdew jaghtuh bis-sieq. Bdew jhedduh : "Issa noqtluk bit-torturi u mhux ser tehlisha hafif hekk !" Dak il-hin "kienu bir-rawgha f'halqhom". L-intimat Stubbings kellu nerv u beda jxejjer bih. F'hin minnhom f'idu kellu xi haga bhal tornavit izda l-intimat Bonello hadhielu minn idu u qallu "zommu x'imkien iehor, li ma naghmlux xi wahda !"

Regghu baghtuh fic-cella u wara regghu baghtu ghalih biex jiffirma stqarrija. Qalulu li biex johrog minn fejn kien kellu qabel jiffirma din l-istqarrija. Ir-rikorrent xtaq kieku jara avukat izda qalulu li ma setax. Ghalhekk iffirma, ghalkemm kontra qalbu. Dwar kif wasal biex jiffirma xehed hekk :-

> Jiena ffirmajt dak li riduni niffirma u ma nafx x'iffirmajt. Certament anke li kieku kitbuli illi jiena kont qtilt lil xi hadd, kont niffirmaha dik id-dikjarazzjoni, basta nitlaq 'il barra minn hemm.

Wara li kieni ffirma baghtuh lura fic-cella u mbaghad wassluh id-dar. Hemmhekk ezaminah it-Tabib Galea Debono li hareg certifikat mediku[16].

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Ma hemmx dubbju li r-rikorrenti sofrew minn trattament li ghandu jitqies inuman, ghax batew minn mohqrija fizika kif ukoll mentali. Is-swat ghamlilhom griehi f'gisimhom u dak li ghaddew minnu holoq fihom biza' kbir tant li biex jehilsu minn dak li kienu qeghdin ibatu sa waslu biex iffirmaw stqarrijiet li setghu jintuzaw kontra taghhom fi proceduri kriminali. Fil-fatt is-swat ghalhekk kien sar, biex lir-rikorrenti jgeghluhom jiffirmaw dawn l-istqarrijiet.

[16] Fol. 3 et seq.

Is-socjeta' tal-konsegwenzi kemm fizici kif ukoll mentali li sofrew ir-rikorrent, u l-hsieb li kellhom l-intimati biex b'dak is-swat igieghlu lir-rikorrenti jiffirmaw l-istqarrijiet, jikkwalifikaw it-trattament li nghataw ir-rikorrenti bhala wiehed inuman. Barra minn hekk, ir-rikorrenti setghu sofrew konsegwenzi anke legali, li kieku ngiebu quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali u din qaghdet fuq l-istqarrijiet li ffirmaw. Din il-gravita' ta' konsegwenzi l-Qorti ghandha tqisha meta tigi biex taghti r-rimedju. Dawn huma affarijiet serjissimi, u serjissima ghandha tkun ir-reazzjoni ta' l-ordinament legali li mill-intimati kien oltraggjat meta dawn kisru drittijiet tant fundamentali u vitali bhal ma hu d-dritt ghall-integrita' fizika tal-persuna umana u ghall-protezzjoni kontra l-mohqrija.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta ma trid li hadd jghaddi minn trattament bhal dan, u meta xi hadd ibati mohqrija dan ghandu jinghata r-rimedji xierqa ; din il-Qorti ghalhekk sejra taghti lir-rikorrenti dawn ir-rimedji.

**<u>Ir-Rimedji</u>**

L-ewwel rimedju li talbu r-rikorrenti huwa li l-Qorti tghid illi "l-intimati (huma) hatja ta' trattament inuman u degradanti". Il-Qorti, ghar-ragunijiet li rajna, hija tal-fehma li l-intimati kienu hatja ta' trattament inuman ghax dak li ghamlu lir-rikorrenti ma kienx anqas minn tortura.

It-tieni rimedju mitlub mir-rikorrenti, kif imfisser fin-nota taghhom tad-9 ta' Frar 1987, huwa li l-Qorti tghid li l-istqarrijiet li ffirmaw ma jiswewx.

L-istqarrijiet li ffirmaw ir-rikorrenti ma kienux rizultat ta' volonta' hielsa, u, ghalhekk biss, ma jiswewx. Barra minn hekk, huma wkoll ir-rizultat ta' vjolazzjoni mill-aktar serja tal-ligi, vjolazzjoni ta' l-oghla ligi tal-pajjiz, vjolazzjoni ta' ligi mahsuba apposta biex thares id-dinjita' tal-bniedem. Dak li nkiseb b'rizultat ta' din il-vjolazzjoni ma jisthoqqlux il-harsien tal-ligi, u ghalhekk il-Qorti sejra tghid li, quddiem il-ligi, dawn l-istqarrijiet ma jiswew xejn.

Ir-rikorrenti talbu wkoll li jkunu redintegrati fl-istatus quo ante l-arrest taghhom. Meta thassar l-istqarrijiet li ghamlu r-rikorrenti l-Qorti tkun qieghda terga' tqieghed l-istat legali taghhom kif kien qabel l-arrest. Dan, izda ma hux bizzejjed. Din il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tfejjaq l-ugiegh tal-gisem u tal-mohh, lanqas li tfejjaq it-tbengil jew li tghaqqas l-ghadam miksur. Kull

ma tista' taghmel hu li ggieghel lil min jaghti ghal dan l-oltragg jaghmel tajjeb ghall-hsara billi jaghti kumpens fi flus lill-vittma.

L-intimati jichdu li l-Qorti ghandha din is-setgha. Jghidu li l-Qorti tista' taghti kumpens fil-kaz ta' arrest illegali biss. L-interpretazzzjoni accettata mill-gurisprudenza, ida, ma hix dik ta' l-intimati. Bizzejjed naraw dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza moghtija fil-25 ta' Ottubru 1989 in re Francis Zammit Dimech et nomine versus Kummissarju tal-Pulizija.

> Skond l-art. 46 (1) tal-Kostituzzjoni, persuna li tallega li xi wahda mid-drittijiet fundamentali taghha tkun giet, tkun qed tigi, jew tkun x'aktarx ser tigi miksira dwarha, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju. Ghalhekk skond id-disposizzjoni espressa tal-Kostituzzjoni r-rimedju jista' jintalab ukoll fil-kaz ta' vjolazzjoni li tkun giet kommessa kontra taghha, bhal f'dan il-kaz.
>
> Issa r-rimedju jista' jikkonsisti fil-fatt li persuna tigi redintegrata fid-dritt li jkun gie vjolat. Issa jista' jigri li f'certi cirkostanzi ma jistax ikun hemm din ir-redintegrazzjoni, bhal f'dan il-kaz. Eppure l-ligi tghid fl-art. 46 (1) li l-persuna li jkollha d-dritt taghha vjolat ghandha dritt ghal rimedju minghajr ma l-ligi ma tillimita bl-ebda mod dak id-dritt ghar-rimedju. Il-ligi ma tghidx li jkun hemm biss dritt ghal rimedju f'kaz li jista' jkun hemm redintegrazzjoni fid-dritt vjolat. Rimedju, skond il-Kostituzzjoni, ghandu jkun hemm u jekk ma jkunx jista' jinghata b'redintegrazzjoni fid-dritt ivvjolat, allura hija fehma tal-Qorti li dak ir-rimedju ghandu jinghata xort'ohra u dan ix-xort'ohra jista' jikkonsisti appuntu fil-hlas ta' kumpens adegwat. Altrimenti l-Kostituzzjoni fl-art. 46 (1) ma tilhaqx l-iskop taghha li jinghata rimedju[17].

Sabiex tillikwida dan il-kumpens il-Qorti trid tqis il-fatturi relevanti bhal ma huma l-gravita' tal-vjolazzjoni u tal-konsegwenzi ta' din il-vjolazzjoni, kif ukoll il-fatt li l-ksur sar f'aktar minn okkazjoni wahda u kien mifrux fuq zmien mhux qasir. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-kumpens li jixraq lir-rikorrent Francis Vella ghandu jkun oghla – kemm ghax dan sofra griehi aktar gravi – kellu spalltu maqlugha u kustilji miksura – kif ukoll ghax thalla lejl u aktar f'din il-kondizzjoni minghajr kura. Anzi, ghalkemm raw l-istat tieghu, l-intimati xorta ma hallewhx imur l-Isptar qabel ma lestew l-istqarrija sabiex geghluh jiffirmaha. Lanqas dan ma kien bizzejjed. Meta fl-ahhar qeghduh f'karozza biex johduh l-Isptar, u din il-karozza bdiet it-triq lejn l-Isptar, sejhulha lura biex lir-

17 Koll. Vol. LXXIII.I.171.

rikorrent hallewh f'ugigh atroci ghal aktar hin, u bla raguni ta' xejn, ghax kull ma gara kien li lil Francis Vella hallewh jistenna fil-karozza.

Wara li qieset dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma li kumpens xieraq ikun hekk :- tmint elef lira (Lm8,000) lil Francis Vella u sitt elef lira (Lm6,000) kull wiehed lil George Vella u Joseph Mary Vella.

## Ir-Responsabbilita' tal-Kummissarju tal-Pulizija

Il-kumpens lil kull rikorrent iridu jhallsuh dawk l-intimati li hadu sehem fil-mohqrija ta' dak ir-rikorrent : i.e. l-intimati Bonello, Stubbings, Schembri u Cassar fil-kaz ta' Francis Vella, l-intimati Bonello, Schembri Cassar u Picco fil-kaz ta' George Vella, u l-intimati Bonello, Stubbings, Schembri, Cassar u Picco fil-kaz ta' Joseph Mary Vella. Ma' dawn ghandu jwiegeb ukoll l-intimat Kummissarju tal-Pulizija?

Ir-responsabbilita' ta' l-intimati l-ohra tohrog cara ghax kienu huma li fizikament ghamlu dawk l-atti li wasslu ghall-ksur tal-ligi. Dawn l-intimati, izda, kienu wkoll membri tal-Korp tal-Pulizija, u lir-rikorrenti setghu johduhom u jzommuhom fil-post fejn sawtuhom bis-sahha ta' l-awtorita' u tal-posizzjoni ufficjali taghhom fil-Korp. Mhux biss l-intimati personalment, izda wkoll l-intimati qua membri tal-Korp tal-Pulizija kisru d-drittijiet tar-rikorrenti. Fuq il-Korp tal-Pulizija hija mitfugha r-responsabbilita' ghaz-zamma ta' l-ordni u ghall-harsien tal-ligi, izda f'dan il-kaz il-membri tal-Korp mhux talli ma rawx li jitharsu d-drittijiet tar-rikorrenti izda kienu huma stess li kisruhom, u kisruhom bil-goff.
Ghal dan in-nuqqas tal-Korp iwiegeb il-Kummissarju tal-Pulizija, li ghandu r-rapprezentanza tal-Korp. Ghalhekk il-Kummissarju f'isem il-Korp tal-Pulizija ghandu jwiegeb flimkien ma' l-intimati proprio, u l-kundanna ghall-hlas tal-kumpens tolqot lilu wkoll. Naturalment, dan qed jinghad mhux ghall-persuna li tokkupa din il-karika proprio izda biss nomine, bhala dak li jidher ghall-Korp tal-Pulizija.

## Konkluzjoni

Il-Qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi :-

1. Tghid li l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Carmelo Bonello, Noel Schembri, David Stubbings, Joseph Picco u Mario Cassar haqru lir-rikorrenti bi trattament inuman u hekk kisru d-dritt tar-rikorrenti, imhares taht l-art. 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ghal harsien kontra trattament bhal dan.

2. Tghid li l-istqarrijiet li ffirmaw ir-rikorrenti wara li kienu interrogati fil-Kwartieri Generalit al-Pulizija fid-29 u t-30 ta' Novembru 1983 ittiehdu bi ksur tal-ligi u ghalhekk ma jiswewx.

3. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent Francis Vella ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu fis-somma ta' tmint elef lira (Lm8,000).

4. Tikkundanna lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Bonello, Stubbings, Schembri u Cassar in solidum ihallsu lil Francis Vella dan il-kumpens ta' Lm8,000, flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji tieghu kollha.

5. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000).

6. Tikkundanna lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Bonello, Schembri, Cassar u Picco in solidum ihallsu lil George Vella dan il-kumpens ta' Lm6,000, flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji tieghu kollha.

7. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent Joseph Mary Vella ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000).

8. Tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija, Bonello, Schembri, Stubbings, Cassar u Picco in solidum ihallsu lil George Vella dan il-kumepns ta' Lm6,000, flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji tieghu kollha."

**APPELLI**

Minn din is-sentenza appellaw kemm il-Kummissarju tal-Pulizija b'rikors separat kif ukoll l-intimati l-ohra kollha flimkien b'rikors iehor. Iz-zewg appelli principali ghandhom naturalment aggravju distint u din il-Qorti sejra tittrattahom separatament. Hi rriproduciet fl-interezza taghha s-sentenza appellata ghaliex din taghti rezekont preciz ta' l-iter processwali u tal-gbir tal-provi – element dan importanti wkoll ghad-

determinazzjoni ta' dan l-appell – kif ukoll korrettement tenuncja l-principji tad-dritt applikabbli ghall-kaz. Is-sentenza li minnha saru l-appelli hi dik finali fil-mertu u din il-Qorti ma jehtigielhiex taghmel riferenza ghall-proceduri ohra fl-istess process kif ukoll ghal proceduri ta' natura kostituzzjonali li skaturew minnu billi dawn gew finalment decizi kemm minn din il-Qorti b'sentenzi li kienu jaghmlu stat bejn il-kontendenti.

## KONSIDERAZZJONI BAZILARI

Din hi kawza li fiha l-atturi jallegaw li kienu assoggettati mill-intimati kollha minbarra l-Kummissarju tal-Pulizija ghal trattament inuman u degradanti, bi vjolazzjoni tal-jedd fondamentali taghhom kif imhares mill-artikolu 36 (allura 37) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-premessa fattwali tar-rikorrenti appellati hi illi huma gew imsawwta bla hniena, bla waqfien, mill-intimati kollha, dipendenti tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u assoggettati ghal zmien twil ghal vjolenza fizika, gravi kif minnhom deskritt fl-att tac-citazzjoni. In fatti dak kollu li huma jallegaw gie minnhom abbondantament provat u l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-provi jew l-apprezzament taghhom ma tista' tigi koncessa lill-appellanti. Dan mhux biss ghaliex il-provi sfortunatament jissufragaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti imma wkoll ghaliex l-intimati appellati bl-aktar mod spavald u rresponsabbli jew, wiehed jawgura, b'sens ta' misthija ghal dak li wettqu, naqsu ripetutament milli

jipproducu l-provi taghhom. Il-provi allura huma dawk li huma kif jirrizultaw mill-process. Provi univoci illi ma jistghux ma jnisslux sens ta' stmerrija, ribrezz u ghadab fir-rigward ta' min kien gie fdat bit-tutela tal-harsien tal-ligi u tal-ordni pubbliku fil-pajjiz u ta' min hekk ha l-gurament illi f'kull hin jagixxi u li ghazel li jiddizonora l-uniformi li kien ixidd billi, proprju bl-iskuza tal-qadi tad-dmirijietu, kiser il-ligi bl-aghar forma ta' vjolazzjoni tal-liprem jedd fondamentali li kellu l-bniedem, dak cioe' ta' l-inkolumita' tal-persuna tieghu.

Il-fatti skarni, kif grafikament deskritti fis-sentenza appellata, jirrievokaw atrocjitajiet tal-aghar forma ta' vjolenza sadista li wiehed jassocja ma' Pulizija tal-Istat tar-regimi tal-aghar xorta. Il-fatti juru xeni inkontestati ta' vjolenza ghall-pjacir tal-vjolenza fuq vittmi inermi li kienu persuni umani u li quddiem dik is-sahna ta' demm minn persuni fizikament imharrga f'posizzjoni ta' awtorita', xejn ma setghu jaghmlu biex jiddefendu l-persuna taghhom. L-ewwel Qorti dehrilha ili una volta l-intimati appellanti baqghu ma tawx il-verzjoni taghhom tal-fatti ma kienet tara l-ebda raguni ghaliex ma kellhiex toqghod fuq il-provi prodotti mir-rikorrenti. Din il-Qorti tmur oltre. Tqis illi r-rifjut tal-intimati li jiddefendu ruhhom kontra l-allegazzjonijiet ta' fatt migjuba b'tant konvinzjoni u dettal kontra taghhom, ma jistax jitqies hlief li kien ammissjoni tal-verita' ta' dawk l-allegazzjonijiet.

Din il-Qorti allura tasal ghall-konvinciment illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kif provati kienu tant serji illi setghu ukoll jesponu lill-intimati kollha barra l-Kummissarju tal-Pulizija ghal akkuzi ta' natura kriminali ta' kommissjoni ta' rejati gravi kontra l-persuna tar-rikorrenti skond kif previst fil-Kodici Kriminali kif kienu meta sehhew il-grajjiet in kawza. Kienu certament fatti gravi illi kienu jimponu fuq l-intimat l-allura Kummissarju tal-Pulizija l-obbligu illi serjament jinvestiga dawn l-allegazzjonijiet anke taht dan l-aspett u kien fid-dover illi jipprocedi bir-rigur kollu tal-ligi kontra min kien jidher li b'tant vjolenza kiser il-ligi waqt il-qadi tad-doveri ufficjali tieghu. Anke ta' dan u f'dan, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kellu jerfa' responsabbilita' shiha. Huwa ghajb li dan il-pajjiz kellu jghaddi minn zminijiet fejn grajjiet bhal dawn sehhew u thallew isehhu. Wiehed jittama li grajjiet koroh u ta' dieqa bhal dawn qatt ma jergghu jigru f'dan il-pajjiz fejn kellhom jirrenjaw ir-rispett u l-ghozza ghal persuna umana u ghal jeddijiet fundamentali taghha specjalment mill-Korpi dixxiplinati bit-tutela tal-ordni pubbliku. Kien id-dover ta' kull cittadin u ta' kull min kien f'posizzjoni ta' awtorita', mhux l-anqas il-gjudikant, biex kontinwament jghasses kontra perikolu ta' din ix-xorta.

Kienet allura gusta l-osservazzjoni fis-sentenza appellata illi l-fatti li taw lok ghar-rikors kienu serjissimi u ghalhekk serjissima kellha tkun ir-rejazzjoni tal-ordinament legali li mill-intimati appellanti kien oltreggjat meta dawn kissru drittijiet tant fondamentali u vitali bhal ma hu d-dritt

ghall-integrita' fizika tal-persuna umana u ghall-protezzjoni kontra l-mohqrija. Fid-dawl tal-univocita' tal-provi quddiemha li kif inghad tammonta ghall-ammissjoni virtwali da parti tal-intimati appellanti, din il-Qorti hi pienament intitolata li tiskarta kull aggravju tal-appellanti fir-rigward tal-fatti u l-apprezzament taghhom mill-ewwel Qorti. Kull sottomissjoni f'dan ir-rigward, kemm jekk intiza biex tnaqqas il-gravita' tar-responsabbilita' tal-intimati kif ukoll il-quantum tad-danni likwidati, ma setghetx tigi sostnuta u din il-Qorti tqis ilmenti ta' din ix-xorta kemm fir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll f'dak tal-intimati l-ohra bhala ghal kollox frivoli.

L-artikolu 36 (allura 37) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jimponi tassattivament li hadd ma kellu jigi assoggettat ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti. Disposizzjoni din tista' tghid identika ghall-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-jeddijiet tal-bniedem :- "no one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment". Dan hu wiehed mill-ftit drittijiet fondamentali redatti f'termini assoluti li l-Kostituzzjoni, bhall-Konvenzjoni, ma tipprovdi l-ebda deroga ghalih kif ghal kuntrarju taghmel ghal diversi jeddijiet fondamentali ohra. "The rights to be free from torture and inhuman or degrading treatment are amongst the most fundamental of all human rights as they are tied to an individual's personal integrity and human dignity. The extremely high position of these rights in the international human rights hierarchy reflects their special status in this

regard. For example article 15 (2) European Convention of Human Rights which allows a state to derogate from its obbligations under the Convention in times of emergency underlines the importance of rights under article 3. Under no circumstances may a state derogate from its obbligations under this article." (Gomian, Harris and Zwaak, Law and Practise of the European Convention of Human Rights and the European Social Charter pages 105 et seq. Ara wkoll Recommendation 1402 (1999)1 tal-Assembleja Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fejn jghid "Some human rights (such as the right to be protected from torture or inhuman treatment) are absolute, and should never be interfered with by state authorities, including internal security services. In other cases, however, which right should have priority – the individual human right or the right of a democratic society to national security – will have to be estabilished using the principles of proportionality and legality, as laid down in the European Convention on Human Rights ……"). Jista' jkun hemm kwistjoni ta' interpretazzjoni dwar il-grad ta' x'kien jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti. Fuq dan il-gurisprudenza nostrana diga' kellha l-opportunita' li f'diversi okkazzjonijiet tesprimi ruhha b'mod awtorevoli. Il-kazistika ewropeja hi wkoll kopjuza u ezawrjenti. Ghal din il-Qorti bhall-ewwel Qorti, l-fatti gravi riportati fil-kaz taht ezami kienu serjament jiddisturbaw is-sensibbilita' taghha tar-rispett lejn il-persuna umana u m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex tikkwalifika t-tortura fizika u mentali li ghaliha gew assoggettati r-rikorrenti bhala vjolazzjoni mill-aktar serja ta' dan il-jedd

fondamentali kif protett mill-Kostituzzjoni. Vjolazzjoni li tghajjat ghall-gustizzja u li tintitola lir-rikorrenti ghar-rimedju shih u xieraq in rizarciment tal-lezjoni subita.

## APPELL TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

Din il-Qorti tqis qabel xejn l-appell interpost mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Kummissarju tal-Pulizija sorprendentement appella minn din is-sentenza anke fil-mertu. Il-Qorti tghid sorprendentement ghaliex tikkonsidra li l-Kummissarju tal-Pulizija, l-ghola ufficjal responsabbli ghaz-zamma tal-ordni fil-pajjiz, rinfaccjat b'gudikat tal-Prim'Istanza li stabbilixxa lil hinn minn kull suspett ragjonevoli l-fatti doloruzi kif fil-fatt sehhew u li ghalihom is-subaltermi tieghu kienu indubbjament responsabbli, kellu jaccetta dan l-istat ta' fatt, jirrikonoxxi r-responsabbilita' tieghu – dana f'dan il-kazdejjem tal-ufficju tieghu mhux tieghu personali - u jiddikjara ruhu pront li jaghmel tajjeb u jissodisfa r-rimedju xieraq li l-Qorti finalment tiddegreta. Hu ghal din il-Qorti stramb kif fin-nuqqas ta' kontestazzjoni plawsibbli u kredibbli ghall-fatti kif provati – in effetti l-ebda prova ma ingiebet jew ma giet indikata mill-Kummissarju jew minn haddiehor biex tikkontradixxi dak illi gie abbondantament provat mir-rikorrenti – minflok wera s-soghba tieghu ghal dak l-abbuz gravi ta' poter kommess mill-membri tal-Korp u offra d-

disponibbilita' tieghu biex b'xi mod jirrimedja ghal vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti u ghad-danni minnhom subiti, ghazel illi jittanta jeludi r-responsabbilitajiet tieghu bhala Kap tal-Korp tal-Pulizija billi jistahba wara kavilli legalistici kjarament insostennibbli. Naturalment il-Kummissarju tal-Pulizija jappella tramite l-pariri tal-konsulenti legali tieghu u ma hemmx ghalfejn jinghad lanqas illi l-incidenti li taw lok ghall-prezenti istanza sehhew fi zmien meta l-ufficju tal-Kummissarju tal-Pulizija kien okkupat minn haddiehor u mhux minn min attwalment jokkupah.

Il-Qorti qed taghmel din l-osservazzjoni fir-rigward tal-kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita' tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tali osservazzjoni ma testendix ghall-appell fir-rigward tal-quantum tad-danni ghaliex dwar dan l-appellant Kummissarju tal-Pulizija kien liberu illi jsostni tezi differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Din il-Qorti qieghda biss tissottolineja dak li gja' kellha okkazzjoni tesprimi f'okkazzjonijiet ohra illi l-Istat, rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn ikun oggettivament stabbilit li giet kagjonata vjolazzjoni ta' jedd fondamentali – multo magis meta dan ikun hekk determinat tramite gudikat – kellu obbligu li minnufih jiehu passi biex tali vjolazzjoni mhux biss immedjatament tieqaf imma wkoll tigi kemm jista' jkun malajr rimedjata.

Fil-kaz taht l-ezami invece l-appellant Kummissarju tal-Pulizija fl-appell dwar il-mertu jissottometti li "certament ir-responsabbilita' (tieghu) ma

tistax tkun bazata fuq prezunzjoni ta' omnixjenza da parti tal-kap ta' dipartiment li dejjem jibqa' soggett ghal limitazzjonijiet tal-persuna umana". Din is-sottomissjoni l-Kummissarju jaghmilha bhala konkluzzjoni ghall-premessa illi "r-ragunijiet li fuqhom l-ewwel Qorti sabet responsabbilita' (fih) huma karenti mill-fondament guridiku stante li huma sostanzjalment bazati fuq nozzjoni ta' responsabbilita' minghajr htija (strict liability) li ma tifformax parti mill-ordinament guridiku Malti". Premessa din ghal kollox zbaljata in kwantu testendi l-principju tar-responsabbilita' tal-individwu ghal ghemilu fil-kap kriminali ghar-responsabbilita' tal-Istat ghal ghemil tal-ufficjali tieghu fil-kamp kostituzzjonali. Ma seta' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien kostituzzjonalment responsabbli ghal dak li gara ghaliex kienu membri tal-Korp tieghu li kissru d-drittijiet fondamentali ta' l-individwi meta u fiz-zmien li, skond l-Ordinanza tal-Pulizija, hu kellu r-responsabbilita' tad-direzzjoni u supervizjoni tal-Korp.

"Fil-kazijiet fejn il-vjolazzjoni ta' xi wiehed mid-drittijiet fondamentali u l-libertajiet tal-individwu issir minn xi impjegat tal-Gvern waqt li jkun qieghed jagixxi ezekuttivament jew amministrattivament <u>bhala regola</u> ghandu jirrispondi ghal dik il-vjolazzjoni l-Gvern jew il-Ministru li huwa responsabbli ghal u ghandhom il-kontroll ta' dan l-ufficjal. Meta dik il-vjolazzjoni tammonta wkoll ghal rejat, delitt jew kontravenzjoni, allura ghandu jirrispondi <u>wkoll</u> l-persuna li ghamlet ir-rejat." "L-azzjoni hi principalment kontra l-istat bhala garanti tad-drittijiet fondamentali tal-

individwu. L-istat ghandu fl-ewwel lok jirrispondi ghall-vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet mil-funzjonarji tieghu li jservuh." "Ir-responsabbilita' tal-istat hija diretta meta l-vjolazzjoni tkun l-effett tal-politika tal-istat u indiretta u garantitistika meta jkun l-effett tal-operat illegali tal-impjegati. Ghalhekk jirrispondi jew bhala ezekutur principali jew bhala garanti tal-impjegati tieghu." (Ara "Joseph Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 1994 (Volume LXXVIII.i. 256) ; "Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' April 1991 ; "Vincent Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Jannar 1993 ; "John Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza wkoll fl-istess gurnata.)

L-appellant Kummissarju tal-Pulizija donnu qieghed jinsa illi l-azzjonijiet ghar-rigress tal-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali huma qabel xejn azzjonijiet ta' natura pubblika mressqa mill-individwu kontra l-istat. Kien ghalhekk li l-Istat li f'azzjonijiet ta' din ix-xorta kellu jassumi qabel xejn ir-responsabbilita' ghall-allegati vjolazzjonijiet tal-jeddijiet u libertajiet protetti fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u elenkati fl-Att XIV tal-1987. Kien hemm ghal hafna zmien kontestazzjoni dwar min kellu jkollu r-rapprezentanza guridika ghall-istat f'kazijiet ta' din ix-xorta – problematika llum fil-parti kbira felicement sorvolata – pero' qatt ma kien hemm l-icken dubbju illi kien l-istat li kellu qabel xejn u fuq kollox jirrispondi u jaghmel tajjeb ghall-allegati vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali lil hinn u qabel kull responsabbilita' ta' xi impjegat tieghu.

Hu ovvju illi r-rapprezentanza guridika tal-istat kellha finalment tirrisjedi fl-ufficjali gholja tieghu vestiti bl-amministrazzjoni tar-res pubblika. Din il-Qorti kellha okkazzjoni illi tiddentifika r-responsabbilita' kostituzzjonali tal-Awtoritajiet kompetenti bhala garanti tal-jeddijiet fondamentali, bl-obbligu mhux biss li jassiguraw li dawn ma jigu qatt vjolati imma wkoll bid-dover li jaghmlu tajjeb ghar-rimedju opportun meta jinstab guridikament li jkunu gew hekk vjolati. Din il-Qorti fil-kawza "Joseph Abela vs Onorevoli Prim Ministru et" deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 (Volume LXXIV pagna 261) stabbiliet li f'kawza dwar allegat ksur ta' jedd fondamentali kien hemm tlett xorta ta' konvenuti :-

"1. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament responsabbli ghall-kummissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fondamentali protett mil-ligi.

2. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza li takkolji l-lament tal-ksur tad-dritt fondamentali tissanzjona.

3. Fit-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proceduri gudizzjarji."

F'dik il-kawza gie wkoll dikjarat illi ghalkemm "il-Prim'Ministru u d-Deputat tieghu ma kienux direttament responsabbli ghall-allegata vjolazzjoni, dawk il-persuni li jirrapprezentaw dawn il-fonti rimedjali qatt ma jista' jinghad li mhumiex il-legittimi kontradditturi anke meta mhumiex responsabbli bl-ebda mod ghall-misfatt kostituzzjonali u m'ghandhom assolutament ebda possibbilita' li jinfluwenzaw b'xi mod dak il-misfatt." Dan l-insenjament hu bazat fuq id-disposizzjoni dikjaratorja fl-artikolu 32 tal-Kositituzzjoni li tenuncja l-principju illi kull persuna f'Malta kienet intitolata ghall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fondamentali taghha fosthom il-hajja, l-liberta' u s-sigurta' tal-persuna abbinat mal-provvedimenti tal-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni li jassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi ta' dawn il-libertajiet fondamentali bid-dritt ta' rikors dirett mill-individwu quddiem l-organu gudizzjarju kompetenti biex jinghata rimedju xieraq u opportun.

Aggravju iehor tal-appellant Kummissarju tal-Pulizija hu illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti assumiet guridizzjoni li ma kienitx taghha meta ddikjarat li stqarrijiet maghmula mill-Pulizija kienu minghajr effett. Jissottometti illi din kienet materja li kellha tigi valutata mill-Qorti ta' kompetenza kriminali li kellha guridizzjoni specjali biex tiehu konjizzjoni taghha. Ma setghetx il-Prim'Awla sua sponte tarroga ghaliha guridizzjoni li ma kienitx taghha u torbot lill-Qorti kompetenti a priori dwar il-mod kif ghandha tiddeciedi din il-materja. Dan l-aggravju kien ulterjorment elaborat fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti fis-sens illi gie

sottomess illi kien hemm suspett li l-kawza kostituzzjonali setghet saret biex tinfluwenza l-proceduri kriminali u l-kors ta' dak il-process.

Din is-sottomissjoni addizzjonali jidher li giet provokata mill-fatt illi b'rikors tas-6 ta' Frar 1987, ir-rikorrenti talbu li jidentifikaw ir-rimedji kostituzzjonali minnhom mitluba. Fin-nota taghhom, b'zieda mar-rimedji mitluba fir-rikors promotur ta' din l-istanza, huma talbu wkoll :-

Li l-Qorti tghid li l-istqarrijiet li huma kienu ghamlu meta gew interrogati kienu inghataw b'rizultat ta' tortura u trattament inuman u degradanti. Konsegwentement huma kellhom jitqieghdu fi status quo ante l-arrest u l-interrogazzjonijiet taghhom u l-Qorti kellha tghid ukoll li dawn l-istqarrijiet ma kienux ta' min joqghod fuqhom u li ma jiswewx. Effettivament l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata iddecidiet ukoll billi qalet illi "l-istqarrijiet li ffirmaw ir-rikorrenti wara li kienu nterrogati fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fid-29 u 30 ta' Novembru 1983 ittiehdu bi ksur tal-ligi u ghalhekk ma jiswewx."

Dan l-aggravju itendi biex jillimita l-kwalita' u l-parametri tar-rimedju illi din il-Qorti tista' taghti biex taghmel tajjeb ghall-vjolazzjoni attwali jew meddha ta' jedd fondamentali protett mill-Kostituzzjoni. Limitazzjoni li pero' il-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma tikkontempla. In fatti l-artikolu 46 jaghti din il-Qorti setgha li taghmel qualsiasi ordni sabiex tipprovdi rimedju ghall-ksur kostituzzjonali. Il-gurisprudenza f'dan is-sens hi

wahda kostanti. In fatti l-appellati fir-risposta taghhom jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Vincent Spiteri vs Onorevoli Prim Ministru" deciza fil-31 ta' Awissu 1977, li fiha "l-Qorti ipprospettat il-possibbilita' li anke tordna ritrattazzjoni f'kawza kriminali jekk hekk jidher li jkun mehtieg. Haga li f'dak il-kaz m'ghamlitx ghaliex fil-mertu l-appellant ma kellux ragun."

Jigi rilevat illi t-talba tar-rikorrenti appellati illi l-ewwel Qorti tiddikjara illi l-istqarrijiet minnhom maghmula lill-Pulizija waqt l-interrogatorji, f'cirkostanzi ta' theddid u vjolenza, ma setghux jitqiesu li kienu stqarrijiet volontarji u allura validi fit-termini tal-ligi – din il-Qorti tghid ta' kull ligi mhux biss tal-ligi kriminali – kienet wahda konsegwenzjali ghad-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha laqghet l-ewwel talba, dik cioe' illi r-rikorrent kienu vittmi ta' vjolazzjoni tal-jeddijiet kostituzzjonali taghhom. Analizzata korrettement, din il-parti tad-decizjoni fis-sentenza appellata ma tmurx oltre din id-dikjarazzjoni u s-sentenza appellata thalli in fatti f'idejn il-Qorti Kriminali, bhala l-organu gudizzjarju kompetenti biex tikkonduci l-process kriminali, li tevalwa d-dikjarazzjoni fid-decide taghha illi l-istqarrijiet tal-appellati, mehuda f'dawn ic-cirkostanzi, ma jistghux jitqiesu li kienu moghtija liberament u allura validament. Il-konsegwenza gjuridika naturali ta' tali dikjarazzjoni kienet li l-qorti kriminali fid-deliberazzjonijiet taghha ma kienitx leggerment ser tiskarta kostatazzjoni tal-qorti kostituzzjonali in materja daqshekk gravi provokata mil-lezjoni tal-jedd fondamentali. Hu notat illi l-ksur tal-jedd

fondamentali ddikjarat f'dan il-kaz ma kienx it-tehid forzattad-dikjarazzjonijiet imma t-trattament inuman u degradanti li wassal lir-rikorrrenti biex jaghmlu l-istqarrijiet kontra l-volonta' taghhom. Dan hu allura kaz ghal kollox differenti minn fejn il-Qorti setghet tiddeklina li tiehu konjizzjoni tal-mertu kostituzzjonali billi jkun jirrizulta li r-rikorrent ikollu rimedju iehor adegwat quddiem xi Qorti ohra, f'dawn ic-cirkostanzi bi proceduri quddiem qrati b'kompetenza kriminali (Ara f'dan il-kuntest "Joseph Pico vs Avukat Generali" deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 1991, Volume LXXV.i.340). L-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija qed jigi ghalhekk respint.

**L-APPELL TAL-INTIMATI L-OHRA KOLLHA U TAL-KJAMATI FIL-KAWZA**

L-intimati l-ohra kollha barra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-kjamati fil-kawza wkoll appellaw b'rikors uniku b'mod principali u din il-Qorti sejra tezamina l-aggravji principali fir-rikors tal-appell billi tipproponi fl-ewwel lok il-qofol ta' kull aggravju u fuqu l-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha. Tinnota biss li filwaqt li, kif inghad, kienet sorpriza li l-Kummissarju tal-Pulizija deherlu opportun li jappella fil-mertu mis-sentenza tal-ewwel Qorti, ma kienitx anqas sorpriza bit-ton tal-kontenut ta' certi aggravji f'dan it-tieni appell li jistonaw ghal kollox mat-tifsira tal-kuncett tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem u tal-htiega li dawn jigu protetti minn kull arbitrarjeta' u abbuz ta' poter. Wiehed jittama li

sottomissjonijiet bhal dawn ma nghatawx per convinzione imma kienu motivati biss mill-htiega li tigi provduta xi forma ta' difiza lill-appellanti.

## A. AGGRAVJU

L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx hadet konsiderazzjoni tal-fatt importanti li l-appellati kienu intavolaw ir-rikors kostituzzjonali taghhom fil-15 ta' Lulju 1986 jigifieri sentejn u tmien xhur wara l-allegat trattament inuman u degradanti li huma sofrew. "Dan il-fattur tad-dewmien ghandu jirrifletti hazin dwar il-korrettezza tad-deposizzjonijiet tal-appellati izda l-ewwel Qorti accettat in toto il-verzjoni tal-fatti skond l-appellati u evalwat il-gravita' tat-trattament skond dawk il-fatti u bbazat l-ammont tal-kumpens fuqhom."

## KONSIDERAZZJONI

Kif gja' inghad, din il-Qorti ma tista taccetta l-ebda aggravju fir-rigward tal-apprezzament tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda triq ohra hlief li taccetta bhala provata l-verzjoni tal-fatti li taw l-appellati. Stabbilit dan l-ewwel Qorti ma kien jehtigielha tevalwa xejn ghaliex il-fatti wehidhom nudi e crudi kienu ampjament jillustraw it-trattament inuman u degradanti li ghalih gew assoggettati l-appellati.

L-appellanti jaccennaw ghall-element tad-dewmien biex l-appellati ressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom quddiem il-Qorti. Sottomissjoni din ukoll maghmula mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hu korrett li din il-Qorti f'gudikati ohra accennat ghall-konsiderazzjoni illi l-fatt li persuna li tallega li tkun sofriet lezjoni tal-jedd fondamentali taghha u li fic-cirkustanzi normali, ddum milli tadixxi lill-Qorti kompetenti biex taghtiha ridress xieraq u adegawat seta' jirrifletti kemm fuq il-gravita' tal-lezjoni allegata kif ukoll fuq ix-xorta ta' rimedju indikat. Konsiderazzjoni din pero' li tapplika ghac-cirkostanzi ta' normalita' meta l-vittma setghet tirrikorri ghall-protezzjoni tal-organi gjudizzjarji bla biza' ta' ritorzjoni. In oltre din il-konsiderazzjoni kienet tvarja fl-applikazzjoni taghha skond it-tip ta' vjolazzjoni. Kjarament mhux il-lezjonijiet kollha tad-diversi jeddijiet fondamentali kellhom l-istess effett fuq il-persuna tal-individwu. Min ikun gie assoggettat ghal trattament degradanti u inuman u min ikun ghadda minn esperjenza ta' tortura ma jista' qatt jitqies li jippregudika d-dritt tieghu li jfittex ridress bis-semplici trapass taz-zmien. Iz-zmien seta' jfejjaq il-feriti. Ma kienx pero' jfejjaq il-lezjoni tal-jedd fondamentali. Kif gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Il-Perit Joseph Barbara vs Onorevoli Prim'Ministru" fis-7 ta' Ottubru 1997, fin-nuqqas ta' provvediment statutorju li jirregola l-materja, l-azzjoni li torigina mill-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ma kienet soggetta ghall-ebda preskrizzjoni estentiva. Id-dewmien tal-vittma biex jagixxi ma kienx allura jippregudika d-dritt ta' azzjoni. Seta' biss ikun fattur li

jinfluwixxi fuq l-apprezzament tal-gravita' tal-allegata vjolazzjoni. Fil-kaz taht ezami din il-Qorti hi sodisfatta illi mhux biss iz-zmien ma kienx inordnatament twil imma ukoll illi c-cirkustanzi kienu tali illi r-rikorrenti appellati kienu gustifikati illi ma jagixxux mill-ewwel bl-azzjoni kostituzzjonali konsidrat ukoll il-fatt illi huma kienu ghadhom soggetti ghall-proceduri kriminali u f'kull kaz il-vjolazzjoni lamentata fiha nfisha kienet spiccat meta inhelsu mill-arrest preventiv. Dan l-aggravju ma setax allura jigi sostnut.

## B. <u>AGGRAVJU</u>

L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt importanti li l-appellati kellhom skop ulterjuri meta agixxew bil-prezenti rikors, tant li pprovaw jannullaw l-istqarrijiet li huma kienu ghamlu lill-Pulizija fil-kors tal-interrogazzjoni. L-appellanti jsostnu illi "ghalhekk dik il-verzjoni tal-appellati tal-fatti kienet bilfors influwenzata u kienet intiza sabiex tilhaq dak l-iskop prefiss. Jidher li l-ewwel Qorti ma rridimensjonatx l-verzjoni ta' fatti moghtija mill-appellati meta hija giet sabiex tiffissa l-ammont ta' kumpens xieraq u dovut lill-appellati."

## <u>KONSIDERAZZJONI</u>

Dan l-aggravju wkoll hu kritiku tal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti prodotti dwar il-gravita' tal-incidenti illi gew minnha

gustament meqjusa bhala lezivi tad-drittijiet fondamentali tal-appellati. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' dawn il-fatti mill-appellanti l-Qorti kellha necessarjament taccetta l-allegazzjonijiet maghmula mill-appellati bhala pjenament provati. L-appellanti konvenjentement injoraw il-premessa fir-rikors promotur, ukoll provata, illi r-rikorrenti appellati kienu ghamlu rapport dwar l-incidenti li sehhu msahha b'certifikati medici lill-appellant Kummissarju tal-Pulizija u talbuh jistharreg il-kaz u jiehu l-passi mehtiega izda dwar dak rapport huma baqghu bla sodisfazzjon. Saret biss inkjesta interna taparsi.

Jidher li l-appellanti qeghdin jikkonfondu t-talba principali tar-rikorrenti li l-Qorti tistabbilixxi li huma kienu effettivament l-vittmi ta' trattament degradanti u inuman mar-rimedji li huma ndikaw lill-Qorti bhala opportuni biex din il-lezjoni tal-jedd fondamentali taghhom ghall-inkolumita' fizika tigi rettifikata. Is-sottomissjoni provata tal-appellati kienet illi l-appellanti rrikorrew ghas-swat u l-vjolenza fizika u morali wkoll bl-ghan illi permezz ta' hekk jottjenu stqarrijiet foloz li setghu jigu wzati fil-proceduri kriminali kontra taghhom. Dan xejn ma jnaqqas mil-qofol tal-kwistjoni, li l-mertu tar-rikors kostituzzjonali kien biss jekk kienx jew le jirrizulta t-trattament inuman allegat mill-appellati kif fil-fatt irrizulta. Il-process kriminali kien ghal kollox irrilevanti ghall-proceduri kostituzzjonali hlief biex jistabbilixxi il-movent jew wiehed mill-moventi illi inducew lill-appellanti jagixxu bil-mod kif fil-fatt agixxew. Hi allura gusta s-sottomissjoni tal-appellati illi "kull persuna hatja jew le ghandha

d-dritt li ma tigix torturata u jekk tigi, kemm jekk tkun hatja u kemm jekk le, kull stqarrija li taghmel bhala rizultat ta' dik it-tortura ghandha tigi skartata, irrispettivament minn jekk hemmx provi ohra dwar htija jew innocenza taghha."

Fil-verita' l-Qorti setghet tipprexindi ghal kollox fid-determinazzjoni tal-mertu mill-kwistjoni dwar jekk l-istqarrijiet impunjati kellhomx jew le jigu skartati. Din il-kwistjoni zgur li ma kienitx tinteressa lill-appellanti, <u>f'dan l-appell</u> in kwantu huma kienu qieghdin jigu citati <u>personalment</u> biex jirrispondu ghall-komportament taghhom u kellu jkun ghalihom, f'din ir-vesti ghal kollox irrilevanti x'effett seta' jkollha s-sentenza f'dawn il-proceduri fuq il-process kriminali li kienu qed jghaddu l-appellati. Hi mbaghad ghal kollox insostennibbli s-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti kienet fid-decizjoni taghha impressjonata bl-iskop allegatament ulterjuri tal-appellati illi, permezz tal-proceduri kostituzzjonali, jippruvaw jinficcjaw stqarrijiet minnhom maghmula lill-Pulizija aktarmilli mill-fatt tal-vjolenza, swat u tortura kif provat quddiemha u li hi stess kwalifikathom bhala "gravissimi". Dan l-aggravju qed jigi michud.

Ghall-istess raguni qed jigi michud ukoll l-aggravju li l-ewwel Qorti ma apprezzatx li l-istqarrijiet ma kienux element essenzjali ghall-ezistenza u l-prova tar-rejat dedott kontra l-appellati billi dan kien f'kull kaz provat bis-sejbien tal-armi fil-pussess taghhom. Hi imbaghad gratuwita l-affermazzjoni illi proprju minhabba illi ma rejalizzatx illi dawn l-istqarrijiet

ma setghux jigu wzati biex finalment jistabbilixxu l-htija kriminali tal-appellati u kienet anzi konvinta bil-kontra, l-ewwel Qorti awmentat bi kbir l-ammont ta' kumpens minnha akkordat.

## C. AGGRAVJU

"L-ewwel Qorti ma ddiferenzjatx bejn swat bi skop li tottjeni ammissjoni u trattament inuman u degradanti u s-swat u t-theddid allegati mill-appellati gew ekwiparati ghal trattament inuman u degradanti mentri anke jekk il-fatti allegati jigu accettati in toto ma jammontawx ghal tratament inuman u degradanti anke jekk kienu tali li jannullaw l-istqarrijiet u l-volontarjeta' taghhom."

"Illi l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ma kkunsidratx il-fatt li l-appellanti kienu qed jagixxu fir-rigward tal-appellati fil-kwalita' taghhom ta' membri tal-Korp ta' Pulizija u mhux fil-kwalita' taghhom personali u ghalhekk m'ghandhomx jinstabu responsabbli personalment ghall-agir allegat li kien fil-qadi ta' mansjonijiet taghhom ufficjali."

## KONSIDERAZZJONI

Dawn l-aggravji li huma l-gustifikazzjoni li l-appellanti jissottomettu lil din il-Qorti ghall-komportament abbuziv u llegali taghhom huma manifestament inaccettabbli u ma jistghux ma jnisslux ribrezz f'kull min

jemmen fis-saltna tad-dritt u fit-tifsira vera tal-jeddijiet fondamentali. Huma aggravji li jirrevokaw id-difizi notorji tal-gurijiet tan-Nurimberga. Apologija inaccettabli ta' atti ta' vjolenza u tortura, perpetrati fl-ezekuzzjoni ta' doveri ufficjali, fl-interess tas-sigurta' nazzjonali u gustifikati ghaliex kienu qed isiru f'isem l-Istat in ezekuzzjoni ta' ordnijiet superjuri. Huma aggravji illi ma jistghux ma jkomplux isahhu l-konvinzjoni ta' din il-Qorti fuq il-korrettezza tas-sentenza appellata.

Fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti l-appellanti ttantaw jifthu mill-gdid il-kwistjoni perenni dwar min kien azzjonabbli f'rikorsi kostituzzjonali ghal ridress ghall-vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali. L-appellanti jissottomettu illi, hlief fil-kaz ta' arrest jew detenzjoni arbitrarja protett bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, ma setghetx tigi promossa l-istanza kostituzzjonali ta' din ix-xorta kontra individwu privat u kien l-Istat li kellu dejjem u f'kull kaz jirrispondi ghall-ilment u li kellu jassumi r-responsabbilita' ghall-agir tal-ufficjali tieghu. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti mhux biss sabet lill-ufficjali responsabbli imma wkoll lill-Korp tal-Pulizija. Kien jehtieg allura illi jinstab in-ness guridiku li kien jghabbi lill-ufficcjal personalment bir-responsabbilita' ghal dak li ghalih l-Istat kien, minn natura tal-azzjoni, tenut li jirrispondi ghalih.

Jinghad qabel xejn illi r-riferenza ghas-subinciz 4 tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi li kull min ikun arrestat jew detenut illegalment <u>minn xi persuna ohra</u> jkollu dritt ghal kumpens ghalhekk <u>minn dik il-</u>

persuna hi barra minn lokha in kwantu hu ovvju li dak is-subinciz hu espressament indikat biex jestendi r-rimedju kostituzzjonali fil-kaz ta' arrest u detenzjoni llegali kontra kull persuna ohra irrispettivament minn jekk hi tkunx qed tokkupa kariga pubblika jew le. Hija fil-verita' disposizzjoni eccezzjonali illi tikkreja dritt ta' azzjoni diretta fil-kamp civili, allura privat, permezz ta' disposizzjoni fil-Kostituzzjoni li tirregola fuq kollox id-dritt pubbliku.

Fil-kaz taht ezami pero' ma hux kontestat illi l-appellanti huma ufficjali pubblici msejha biex jirrispondu ghall-agir taghhom fl-ezercizzju tal-funzjonijiet proprji taghhom. Is-sottomissjoni illi l-appellanti ma kellhomx locus standi f'din l-azzjoni ghaliex kien l-Istat u l-Istat biss li kellu jirrispondi u jaghmel tajjeb ghal kull eccess illi huma setghu kkommettew fil-qadi tad-dmirijiethom u li kien ill-kawza tal-vjolazzjoni provata tal-jedd fondamentali tal-appellati, hi ghal kollox inaccettabbli, antiguridiku, li tmur kontra l-gurisprudenza kollha stabbilita minn dawn il-Qrati f'dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Gurisprudenza li anke jekk mhux dejjem konsistenti u linejari, qatt ma ddubitat illi l-funzjonarju li allegatament ikun responsabbli ghall-ksur tal-jedd fondamentali kellu wkoll jirrispondi personalment ghall-ghemilu anke jekk flimkien mal-Istat u solidalment mieghu. Dan ghax altrimenti jkun inikwu li jigi tenut responsabbli ghal-lezjoni kostituzzjonali l-Istat anonimu u impersonali li seta' jkun biss indirettament responsabbli ghall-akkadut in kwantu kien jimpjega l-ufficjali in kwistjoni waqt li dawn l-istess ufficjali li kienu certament il-persuni direttament involuti fl-akkadut u li kienu identifikati li

kkomettew il-vjolazzjoni jigu skolpati minn kull responsabbilita' u addebitu.

Fil-kaz taht ezami non si tratta ta' azzjoni f'livell orizzontali bejn zewg individwi li tappartjeni direttament lill-kamp tad-dritt privat, kif jidher li qed jissuggerixxu l-appellanti fit-trattazzjoni taghhom. Ghall-kuntrarju l-azzjoni setghet tibqa titqies bhala li hi wahda vertikali fil-konfront tal-Istat in kwantu l-appellanti qeghdin jigu citati qua funzjonarji tieghu ghal ghemil kommess minnhom fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghhom. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan l-aggravju tal-appellanti jikkonbacja wkoll mal-aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija fl-appell tieghu meta jsostni li hu ma setax jigi ritenut responsabbli ghal ghemil li ma kienx gie kommess minnu ghaliex "in-nozzjoni ta' responsabbilita' minghajr htija (strict liability) ma kienitx tifforma parti mill-ordinament guridiku Malti". Hu ovvju li kieku kellhom jigu accettati dawn iz-zewg sottomissjonijiet l-appellati jibqghu bla rimedju ghax hadd ma seta' jinstab responsabbli ghal-lezjoni tal-jeddijiet fondamentali minnhom sofferti.

Din il-Qorti tifhem illi una volta jigi accettat illi l-azzjoni dwar il-jeddijiet fondamentali kienet proprjament wahda tad-dritt pubbliku u konsegwentement il-legittimu kontradittur kellu fl-ewwel lok ikun l-Istat, hi konsegwenzjali l-assjoma illi l-provvedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali li jipprotegu l-jeddijiet fondametali tal-individwu kienu

diretti qabel xejn biex jipprovdu ridress kontra agressjoni da parti tal-Istat u mhux da parti ta' individwi privati. Anke hawn pero' dan il-principju kellu jigi mkejjel mal-principju l-iehor li l-Istat kellu mbaghad jipprovdi kopertura shiha lill-individwu kontra l-agir ta' individwu iehor ghal agir li kien jigi kwatifikat bhala lezjoni tal-jedd fondamentali skond il-Kostituzzjoni u skond il-Konvenzjoni. Dan ifisser li fejn tali kopertura tigi nieqsa, kemm l-Istat kif ukoll l-individwu privat iehor kellhom ikunu tenuti jirrispondu ghall-lezjoni tal-jedd fondamentali - multo magis jekk dan kien ufficcjal pubbliku - dan ghaliex fil-verita', l-Kostituzzjoni mkien ma tezigi illi d-dritt ta' azzjoni kellu jkun dirett biss lejn l-Istat. Il-Kostituzzjoni tenuncja biss il-jeddijiet fondamentali bil-limitazzjonijiet taghhom. Tezigi li l-Qrati kompetenti jaghtu rimedju xieraq kull fejn tirrizulta l-lezjoni u rrispettivament minn min ikun responsabbli ghaliha u taghti access dirett ghall-Qorti lill-vittma tal-lezjoni biex jitlob u jezigi r-ridress. Dana fil-fehma ta' din il-Qorti irrispettivament mill-kawza u l-origini tal-lezjoni. Din il-konsiderazzjoni naturalment tiftah berah il-kwistjoni tejorika dwar min seta' jkun citat biex jirrispondi ghar-rikors dwar ksur tal-jeddijiet fondamentali fid-dawl tad-dottrina amerikana ta' “State Action” u dik tedeska sud-afrikana ta' “Drittwurkung” u kif dawn gew interpretati u applikati fil-gurisprudenza nostrana. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero', mhux il-kaz illi tinoltra ruhha f'dibattitu dwar dan l-aspett tal-vertenza kif lilha suggerita taghmel mill-appellanti proprju ghaliex fil-fehma taghha l-fatt illi l-appellanti kollha kienu funzjonarji pubblici msejha biex jirrispondu ghall-agir fil-qadi tad-doveri ufficjali taghhom

kien jelimina l-htiega ta' accertament dwar jekk dawn kellhomx jew le jigu mitluba jirrispondu ghall-agir taghhom. Dan l-appell qed jigi wkoll respint.

## D. AGGRAVJU

L-appellanti jissollevaw ukoll aggravju fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni. Huma jissottomettu li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li l-ghoti ta' kumpens pukimjarju kien jezorbita mit-talbiet tal-appellati kontenuti fir-rikors originali u f'dawk addizzjonali. Jghidu li l-ewwel Qorti m'ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-provvedimenti kostituzzjonali li jaghtu s-setgha lill-Qorti li takkorda kumpens prekunjarju lil min jigi assoggettat ghal trattament inuman u degradanti u li wkoll il-kumpens ma kienx bazat fuq il-kriterji ammessi mid-dritt patriju tad-damnum emergens u lucrum cessans imma kien ibbazat fuq il-konsiderazzjonijiet estraneji ghalihom. Apparti dan l-ammonti tal-kumpens akkordat kienu artificjalment minfuha u ma kienux gustifikati. Whud minn dawn l-aggravji huma wkoll sollevati fl-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija.

L-appellanti ssottomettew illi f'kull kaz id-danni likwidati f'kumpens mill-ewwel Qorti kienu preskritti skond il-ligi civili u ma kienx hemm lok allura ghal-likwidazzjoni taghhom.

## KONSIDERAZZJONI

L-argument tal-preskrizzjoni seta' kellu rilevanza biss li kieku l-Qorti accettat l-aggravju tal-appellanti illi huma ma kienux azzjonabbli personalment ghal-lezjoni tal-jeddijiet fondamentali fit-termini tal-Kostituzzjoni. Una volta dan l-aggravju gie respint u t-talbiet tar-rikorrenti gew ukoll milqugha fir-rigward taghhom kif citati, l-Qorti kellha d-dover illi tipprovdi rimedju xieraq u adegwat fit-termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Rimedju li f'kaz wara l-iehor f'cirkustanzi analogi, din il-Qorti dejjem sabitu fil-kundanna ghall-hlas ta' ammont ta' flus intiza biex tikkumpensa ghad-danni morali u fizici inflitti bhala konsegwenza tal-lezjoni tal-jedd fondamentali li jmorru lil hinn minn kull konsiderazzjoni tal-likwidazzjoni ta' danni veri u proprji fit-termini tal-Kodici Civili, f'dan il-kaz naxxenti ex delictum. Kif sewwa indikat mill-appellati l-bazi ta' dan il-kumpens gie ribadit f'diversi sentenzi u hu l-ahjar spjegat fil-kawza "Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija (Volume 78.i.32).

"L-artikolu 46 introduca sanzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali fil-maggoranza tal-Kostituzzjonijiet ta' qabel it-Tieni Gwerra mondjali kienet nieqsa u dawk il-vjolazzjonijiet, meta kienu jirrikorru, kienu joffendu d-dritt doppjament ghaliex proprju ma kienx hemm rimedju guridiku effettiv ghalihom kontra l-principju primarju u fondamentali tal-gustizzja li titlob il-kontropass. Ghal vjolazzjoni

passati, kif inhuma dawk “de quo agimur” huwa manifest li fil-maggoranza kbira tal-kazijiet l-uniku rimedju, l-unika sanzjoni hija l-kundanna ghall-hlas ta’ kumpens f’forma pekunjarja.” F’dik l-istess kawza l-ewwel Qorti kienet hekk osservat :- “Meta l-ksur ikun attwali jew futur, ir-rimedju mhux necessarjament ikun finanzjarju. Anzi jkun iktar fl-interess ta’ dik il-persuna li tkun ressqet l-ilment li tali rimedju jkun immedjat u effettiv sabiex il-ksur ta’ dak id-dritt fondamentali jigi mxejjen jew evitat izda f’kaz ta’ “vjolazzjoni passata” l-uniku rimedju jikkonsisti fil-hlas ta’ kumpens finanzjarju.” (Ara wkoll fost ohrajn “Vincent Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”, Volum 77.i.270, u “John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija”, Volum 77.i.14, kif ukoll “Dr. GM Camilleri nomine vs Ministru tat-Turizmu”, Volum 75.i.296).

Din il-Qorti dejjem qieset illi r-rimedju finanzjarju fejn applikabbli fil-kaz ta’ lezjoni tal-jeddijiet fondamentali mhux biss ma kellux ikun ekwiparat mad-danni attwali subiti mill-vittma imma kellu jkun jirrifletti l-gravita’ tal-lezjoni u tal-oltragg fiziku u morali li jkun gie kawzat lill-persuna tal-individwu. Kellu wkoll jirrispondi ghas-sens ta’ disturb socjali li kull vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali, anke jekk naturalment fi gradi differenti skond il-kaz, kien necessarjament jipprovoka u f’dan is-sens il-kumpens likwidat arbitrio boni viri mill-Qorti kellu wkoll iservi ta’ deterrent u piena ghal min jikkometti l-vjolazzjoni u sodisfazzjon gust ghall-vittma.

Konsidrati minn din l-ottika, dawn l-ahhar aggravji tal-appellanti jitilfu s-sustanza taghhom. Sottomissjonijiet marbuta u bazati fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt civili kellhom jigu skartati. Dana mhux biss ghaliex il-kumpens likwidat minn din il-Qorti bhala rimedju ghal-lezjoni tal-jedd fondamentali kien oltre d-danni illi r-rikorrenti setghu kellhom jedd ghalih imma wkoll proprju ghaliex ma kienx eskluz li c-cirkustanzi jkunu tali illi l-azzjoni civili ghar-rizarciment tad-danni tkun giet preskritta bit-trapass taz-zmien. Dan mhux necessarjament bi htija voluta tal-vittma.

Ma hemmx ghalfejn jinghad illi l-Kostituzzjoni fl-artikolu 46 ma kienet timponi l-ebda limitazzjoni fuq ix-xorta ta' rimedju xieraq u adegwat li l-Qorti setghet takkorda sabiex twettaq jew tizgura t-twettieq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 33-45 tal-istess Kostituzzjoni. Thalli r-rimedju ghal kollox f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti u thalli l-apprezzament ta' x'kien xieraq u adegwat fis-sens ta' gustizzja u ekwita tal-gudizzju taghha. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha f'din il-kawza tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni proprja taghha. Issib illi l-ammonti ta' kumpens likwidati jirriflettu wkoll fi skala tal-valuri applikati f'kawzi b'mertu analogu. Indubbjament il-mertu tal-kawza kien jimmerita l-ghoti ta' kumpens rilevanti, tenut kont ukoll illi sfortunatament dan kien wiehed minn sensiela ta' kazijiet li serjament iddisturbaw il-kuxjenza pubblika li rreagixxiet meta gie lilha zvelat fi processi ta' din ix-xorta il-

komportament mill-aktar vjolenti ta' membri ta' korp dixxiplinat fis-servizz tal-Istat, fdat proprju bid-dover preciz taz-zamma tal-ordni fil-pajjiz. Quddiem din ir-rejalta' kull argument formali u legalistiku jitlef il-forza tieghu. Jibqa' biss x'jigi konsidrat jekk hux qed issir jew le gustizzja mar-rikorrenti ghas-sofferenza gravi minnhom subita f'idejn l-intimati fl-unika forma illum possibbli, dik ta' kumpens finanzjarju.

Hija gusta finalment l-osservazzjoni tal-appellati illi li kieku l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors kienu graw wara l-1990, l-intimati setghu kienu passibbli ghal proceduri kriminali akkuzati b'rejat specifiku kastigat b'disa' snin prigunerija fit-termini tal-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali. Il-gravita' tal-piena' karcerarja tirrifletti ezattament il-hsieb tal-ewwel Qorti meta llikwidat il-kumpens f'ammont rilevanti. Dan naturalment ma jfissirx illi l-fatt li l-incidenti sehhew qabel il-1990 ma kienx ukoll jesponi lill-intimati ghall-possibbilita' ta' process kriminali fit-termini tal-Kodici Kriminali kif kien allura minghajr l-akkuza tar-rejat specifiku gustament introdott mil-legislatur proprju bhala konsegwenza tal-kostatazzjoni tar-rejalta' li incidenti gravi tax-xorta ezaminati f'din il-kawza kienu verament sehhew minn membri tal-Korp tal-Pulizija. Dawn l-aggravju qed jigu wkoll respinti.

Ghal dawn il-motivi, iz-zewg appelli intavolati mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-intimati l-ohra kollha qed jigu respinti u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha. L-ispejjez ta' dawn l-appelli

kellhom ukoll jigu mhallsa mill-appellanti. L-imghax fuq l-ammont likwidati mill-ewwel Qorti kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata.

Dep/Reg

mg